



Brussell, 18 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

16683/23  
ADD 1

LIMITE

CORLX 1125  
CFSP/PESC 1676  
CONOP 137  
CONUN 311  
COARM 328

## NOTA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi (BTWC) għall-perjodu 2024-2027  
- Anness

## ANNEX

### Proġett b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi (BTWC) għall-perjodu 2024-2027

#### 1. SFOND U LOĠIKA

Il-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi (BTWC) hija element ewlieni fl-isforzi tal-komunità internazzjonali biex tindirizza l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva.

Il-BTWC bħalissa għandha 185 Stat Parti u erba' Stati Firmatarji. Hemm tmien Stati li la ffirmaw u lanqas aderixxew mal-Konvenzjoni. Sabiex tiġi stabbilita u sostnuta norma globali b'saħħitha kontra l-użu ta' armi bijoloġiċi biex jagħmlu ħsara jew joqtlu l-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, huwa importanti li jkun hemm kemm jista' jkun Stati li jissieħbu fil-Konvenzjoni. Talbiet għal appoġġ legali u tekniku fil-proċess ta' sħubija fil-Konvenzjoni spiss isiru mill-Istati lill-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni (ISU) tal-BTWC.

Filwaqt li l-BTWC laħqet adeżjoni kważi universali, il-livelli ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fil-livell nazzjonali jvarjaw ferm. Talbiet għal assistenza teknika u legali speċifika jsiru regolarment mill-Istati Partijiet tal-BTWC, ta' spiss minn dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, lill-ISU.

It-talbiet għal assistenza kemm għall-appoġġ tal-universalizzazzjoni kif ukoll għall-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet magħmula lill-ISU tal-BTWC jaqbru l-kapaċitajiet tagħha u l-fondi disponibbli biex jipprovdu assistenza.

Għal dawn ir-raġunijiet u għall-fini li tingħata applikazzjoni immedjata u Prattika lil xi elementi tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva, dan il-proġett ser iservi bħala għodda ta' politika operazzjonali biex tkompli tissaħħa il-Konvenzjoni billi tiġi appoġġata l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali. Il-proġett ser jibni fuq l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Azzjonijiet Konġunti PESK/2006/184 u PESK/2008/858 u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill PESK/2012/421, PESK/2016/51, PESK/2019/97 u PESK/2021/2072.

Il-proġett ser jipprovdi segwitu u momentum essenzjali għall-attivitajiet imwettqa matul il-perjodu 2019-2024 fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kunsill PESK/2019/97 b'appoġġ għall-BTWC. Ser jiżgura wkoll is-sostenibbiltà ta' dawk l-attivitajiet, isahha l-implimentazzjoni tal-eżiti tad-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni li saret f'Ġinevra bejn it-28 ta' Novembru u s-16 ta' Diċembru 2022 u ser jappoġġa l-programm intersessjonali għall-2023 – 2026, kif maqbul fid-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni. Il-proġett ser jagħmel ukoll kontributi kritiċi biex id-diskussjonijiet tal-BTWC isiru aktar inklużivi u diversi, fost l-oħrajn, permezz ta' integrazzjoni akbar tal-perspettivi taż-żgħażaġh.

Fl-2024, il-proġett ser jiġi implimentat b'mod parallel mad-Deċiżjoni tal-Kunsill PESK/2021/2072 li għaddejja bħalissa (Diċembru 2021 - Diċembru 2024), mingħajr ma tiġi duplikata l-ebda attività iżda jsir l-aħjar użu mis-sinerġiji possibbli bejn iż-żewġ Deċiżjonijiet.

Din il-proġett ser ikun iggwidat mill-prinċipji li ġejjin:

- (a) Filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-esperjenza miksuba permezz tal-Azzjonijiet Konġunti PESK/2006/184 u PESK/2008/858 u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill PESK/2012/421, PESK/2016/51, PESK/2019/97 u PESK/2021/2072;

- (b) Tingħata assistenza lil Stati Partijiet kif ukoll lil Stati mhux parti għall-BTWC abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u fuq talba tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni msaħħa u l-universalizzazzjoni tal-BTWC;
- (c) Tiġi inkoraġġguta s-sjieda lokali u reġjonali tal-proġetti sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom u biex tinbena sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u partijiet terzi fil-qafas tal-BTWC;
- (d) Iffukar fuq l-eżiti tad-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni li saret f'Ġinevra mit-28 ta' Novembru sas-16 ta' Diċembru 2022 u l-appoġġ għall-programm intersessjonali l-ġdid;
- (e) Jingħata appoġġ lill-Presidenti tal-laqgħat tal-BTWC u l-aħjar użu tal-mandat tal-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni (ISU);
- (f) Jingħata kontribut għall-avvanz tal-oġġettivi tal-paċi u s-sigurtà u ta' dawk marbuta mas-saħħa permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-BTWC mill-Istati Partijiet u tal-universalizzazzjoni tagħha.

## 2. OBJETTIV ĠENERALI

Dan il-proġett għandu l-għan li jsahha is-sigurtà nazzjonali u internazzjonali kontra t-theddida mill-armi bijoloġiċi billi jżid is-sħubija globali tal-BTWC, isahha il-kapaċitajiet tal-Istati Partijiet tagħha biex jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjoni u jqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-Konvenzjoni fost l-NGOs, is-soċjetà ċivili u l-komunitajiet tax-xjenza u t-teknoloġija.

## 3. OBJETTIVI SPEĊIFIĊI

L-eżiti mistennija ta' dan il-proġett huma dawn li ġejjin:

- a) tiġi promossa aderenza universali għall-BTWC billi Stati mhux partijiet jiġu mħeġġa jifhmu aħjar il-benefiċċji talli jingħaqdu mal-BTWC u jkunu aktar involuti fil-laqgħat tal-BTWC u attivitajiet oħra;

- b) jiġu żviluppati kapaċitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-BTWC f'pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom tal-Konvenzjoni, filwaqt li jiġu stabbiliti wkoll networks ta' kooperazzjoni attivi ma' kontropartijiet nazzjonali, esperti u istituzzjonijiet nazzjonali li kapaċi jipprovdu assistenza ta' kwalità għolja u rilevanti;
- c) jingħataw opportunitajiet ta' żvilupp tal-kapaċitajiet lil dawk li jfasslu l-politika, xjenzati u akkademiċi min-Nofsinhar Globali impenjati f'oqsma relatati mal-BTWC, jiġu inkoraġġuti l-iżvilupp ta' networks ta' professjonisti żgħażaġh u l-kapitalizzazzjoni fuq materjali ta' taħriġ żviluppati mill-Unjoni Ewropea;
- d) jingħata appoġġ għall-programm intersessjonali mill-2024 sal-2026;
- e) jitħaddmu għodod li jservu għas-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-involviment.

#### **4. RIŻULTATI U ATTIVITAJIET MISTENNIJA**

L-UE għandha tappoġġa l-attivitajiet li ġejjin li jikkorrispondu għal miżuri tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva:

##### **Attività numru 1 - Appoġġ għall-universalizzazzjoni tal-BTWC**

###### **4.1.1. Għan tal-Attività**

Il-BTWC bħalissa għandha 185 Stat Parti u erba' Stati Firmatarji (l-Eġittu, il-Haiti, is-Somalja, ir-Repubblika Għarbija Sirjana). Hemm tmien Stati li la ffirmaw u lanqas aderixxew mal-Konvenzjoni (iç-Chad, il-Comoros, il-Djibouti, l-Eritrea, Iżrael, Kiribati, il-Mikroneżja (l-Istati Federali ta') u Tuvalu). L-universalizzazzjoni tal-BTWC għandha l-għan li tespandi s-sħubija tal-Konvenzjoni biex tiżgura li jkun hemm l-akbar għadd possibbli ta' Stati Partijiet. Il-kisba tal-universalità sħiħa tal-Konvenzjoni ilha titqies bħala prijorità mill-Istati Partijiet tal-BTWC. Sabiex tiġi stabbilita u sostnuta norma globali b'saħħitha kontra l-użu ta' armi bijoloġiċi biex jagħmlu ħsara jew joqtlu l-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, huwa importanti li jkun hemm kemm jista' jkun Stati li jissieħbu fil-Konvenzjoni. L-isforzi ta' universalizzazzjoni strateġika u personalizzata wrew li huma deċiżivi fl-adeżjonijiet reċenti u imminenti għall-Konvenzjoni.

Din l-attività ser issegwi l-attivitajiet u l-kisbiet taħt il-Proġett 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill PESK/2019/97 għall-promozzjoni tal-universalizzazzjoni tal-BTWC. L-għan ewlieni ser ikun li jiġu intensifikati l-isforzi li għaddejjin bħalissa u li nbdew matul id-Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill.

#### 4.1.2 Deskrizzjoni tal-Attività

Din l-attività ser ikollha l-għan li ssaħħaħ l-impatt tal-attivitajiet imwettqa taħt Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill tal-UE u tiżgura s-segwitu meħtieġ biex tħeġġeġ lill-pajjiżi jirratifikaw jew jaderixxu għall-BTWC. Dan is-segwitu intensifikat ser jiġi offrut lil massimu ta' żewġ Stati, kemm jekk firmatarji kif ukoll jekk Stati mhux firmatarji tal-BTWC, li juru progress sostanzjali fil-proċessi ta' ratifika jew adeżjoni tagħhom. Żjarat imfassla apposta f'Ġinevra u żjarat ta' segwitu sussegwenti ser jindirizzaw talbiet speċifiċi għal assistenza, inkluż is-sensibilizzazzjoni dwar il-Konvenzjoni fil-livell nazzjonali u l-offerta ta' appoġġ legali u tekniku inizjali għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-partijiet ikkonċernati esterni ser ikunu involuti wkoll fiż-żjarat.

#### 4.1.3 Riżultati mistennija tal-Attività

1. L-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati fi Stati li mhumiex parti għall-BTWC, inkluż membri parlamentari, uffiċjali governattivi u s-soċjetà ċivili jiksbu fehim imsaħħaħ tal-benefiċċji tas-sħubija fil-BTWC;

2. Għadd akbar ta' Stati li mhumiex parti għall-BTWC jesprimu l-impenn tagħhom li jissieħbu mal-BTWC, jibdeu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet u laqgħat u jieħdu passi lejn l-adeżjoni/ir-ratifika.

## **Attività numru 2 - Żvilupp tal-Kapaċitajiet b'appoġġ għall-implimentazzjoni nazzjonali tal-BTWC**

### 4.2.1. Għan tal-Attività

L-Artikolu IV tal-BTWC jirrikjedi li l-Istati Partijiet jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimplimentaw il-Konvenzjoni fil-livell nazzjonali. Madankollu, il-livelli ta' implimentazzjoni nazzjonali jvarjaw fost l-Istati Partijiet. Din l-attività għandha l-għan li tipprovdi assistenza teknika u legali speċifika lill-Istati Partijiet li jitolbu tali bini tal-kapaċitajiet.

### 4.2.2. Deskrizzjoni tal-Attività

Dan il-proġett ser jiffoka fuq l-avvanz tal-inizjattivi mnedija skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill PESK/2019/97 fil-qafas tal-Programmi ta' Assistenza Estiża u l-Programmi Nazzjonali ta' Tħejjija tagħha. Id-deliberazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet possibbli tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tisħiħ tal-BTWC, stabbilit fid-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni, dwar l-implimentazzjoni nazzjonali ser jiġu mmonitorjati mill-qrib u integrati fl-implimentazzjoni tal-proġett kif meħtieġ.

It-tipi li ġejjin ta' attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet ser jiġu pprovduti lill-Istati Partijiet li jitolbu tali assistenza mill-ISU tal-BTWC f'approċċ modulari, jiġifieri abbażi tal-ħtiġijiet ta' assistenza indikati tal-Istati rispettivi:

- Sensibilizzazzjoni nazzjonali dwar/introduzzjoni għall-BTWC;
- Assistenza leġiżlattiva;
- Taħriġ dwar it-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti nazzjonali dwar il-Miżuri għat-Tisħiħ tal-Fiduċja (CBM);
- Sensibilizzazzjoni dwar il-BTWC għal xjenzati żgħażaġh u studenti universitarji;

- L-elaborazzjoni ta' inventarji nazzjonali ta' patoġeni perikolużi;
- Appoġġ fl-elaborazzjoni tat-talbiet għall-assistenza tal-Artikolu X għat-talbiet l-oħra kollha ta' assistenza.

L-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' hawn fuq ser jiġu pprovduti lill-Istati Partijiet li jitolbu tali assistenza fuq bażi kontinwa matul id-durata tal-proġett u fi ħdan il-limiti baġitarji mogħtija. L-attivitajiet ta' assistenza preferibbilment jitwettqu personalment, b'formati online li jintużaw meta jitqiesu aktar favorevoli (eż. għall-avvenimenti taż-żgħażaġh). It-tliet Ċentri Reġjonali tal-UNODA ser ikunu involuti fl-organizzazzjoni tal-avvenimenti ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet kif applikabbli.

Fil-każ li t-talbiet għal assistenza mill-Istati jiġu vvalutati mill-ISU tal-BTWC/UNODA bħala li jmorru lil hinn mill-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet msemmija hawn fuq, l-Istati ser jiġu assistiti fl-elaborazzjoni tat-talbiet għal assistenza tal-Artikolu X u t-tlaqqiġh ma' fornituri esterni oħra ta' assistenza ser jiġi ffaċilitat f'kooperazzjoni mal-ISU tal-BTWC.

Taħt din l-attività, l-UNODA ser jissieħeb mal-Istati Membri tal-UE, l-esperti u l-istituzzjonijiet nazzjonali li huma kapaċi jagħtu assistenza ta' kwalità għolja u rilevanti. Fir-rigward tal-elaborazzjoni ta' inventarji nazzjonali ta' patoġeni perikolużi, l-UNODA ser ikompli jissieħeb mal-Istitut Nazzjonali Netherlandiż għas-Saħħa Pubblika u l-Ambjent (RIVM) biex jassisti mill-inqas Stat Parti wieħed fis-sena f'dan l-isforz. Il-fondi ser jintużaw ukoll biex jaġġornaw u jittraduċu s-software attwali użat għall-ġestjoni tal-inventarji nazzjonali ta' patoġeni perikolużi sabiex ikun disponibbli għal aktar Stati Partijiet. L-UNODA ser ikompli wkoll jissieħeb mal-UNICRI, maċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-UE għall-Mitigazzjoni tar-Riskji CBRN kif ukoll ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u gruppi ta' riflessjoni, kif applikabbli. Il-proġett ser jinkoraġġixxi wkoll lill-Istati Partijiet biex irawmu l-ħolqien ta' networks fir-reġjuni jew fis-subreġjuni tagħhom kull meta jkun possibbli. Għalhekk, skont it-talbiet speċifiċi għall-assistenza tal-Istati interessati, jistgħu jiġu previsti wkoll formati reġjonali għall-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet.

Barra minn hekk, taħt din l-attività, ser jitwettaq eżerċizzju ta' rieżami bejn il-pari sabiex ikompli jikber l-appoġġ għal dan il-kunċett. L-eżerċizzju ser jibni fuq l-eżerċizzji li saru fi Franza fl-2013, mill-pajjiżi BENELUX fl-2015, mill-Marokk fl-2017 u mir-Repubblika tal-Kirgistan fl-2022.

#### 4.2.3. Riżultati mistennija tal-Attività

1. L-Istati Partijiet għall-BTWC isaħħu l-kapaċità nazzjonali tagħhom biex jimplimentaw il-BTWC permezz tal-għoti ta' assistenza dedikata dwar oqsma ta' hteġa identifikati, isaħħu l-koordinazzjoni u n-networking mal-partijiet interessati involuti fil-proċess tal-BTWC u jsaħħu s-sottomissjonijiet tagħhom tal-BTWC, bħas-CBMs;
2. L-Istati Partijiet għall-BTWC isaħħu l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni u assistenza tagħhom, il-livelli ta' fiduċja tagħhom, u n-networks tagħhom tal-BTWC permezz ta' skambji u diskussjonijiet li jsiru fil-qafas ta' eżerċizzji ta' rieżami bejn il-pari;
3. Tissaħħaħ il-kapaċità ta' Stati Partijiet magħżula tal-BTWC li jipprevjenu attakk b'armi bijoloġiċi u jirreaġixxu għalih.

### **Attività 3 - Inizjattiva "Żgħażaġħ għall-Bijosigurtà"**

#### 4.3.1 Għan tal-Attività

Din l-attività ser tibni fuq l-attivitajiet u l-kisbiet taħt il-Proġett 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill PESK/2019/97. Permezz tal-inizjattiva "Żgħażaġħ għall-Bijosigurtà", inħoloq spazju ġdid u innovattiv għall-perspettivi ta' ġenerazzjoni għdida ta' professjonisti tal-bijosigurtà u ġie sfruttat l-għarfien espert taż-żgħażaġh. Ġie ffurmat network ta' aktar minn 100 xjenzat b'talent min-Nofsinhar Globali, li ħoloq komunità ta' esperti żgħażaġh involuti b'mod attiv fid-diskussjonijiet tal-BTWC. Din l-Attività għandha l-għan li tkompli tipprovdi opportunitajiet ta' żvilupp ta' kapaċitajiet għal żgħażaġh li jfasslu l-politika, xjentisti żgħażaġh u akkademiċi żgħażaġh min-Nofsinhar Globali impenjati f'oqsma marbutin mal-BTWC.

#### 4.3.2. Deskrizzjoni tal-Attività

Għal dan l-għan, b'kollox ser jiġu organizzati tliet programmi annwali ta' fellowship b'20 parteċipant kull wieħed, li jikkonsistu f' segment preparatorju online kif ukoll żjara wiċċ imb wiċċ ta' ġimgħa f' Ġinevra. Il-fellowship għandha l-għan li tlaqqa' flimkien zgħażaġh min-Nofsinhar Globali biex tesponihom għal negozjati multilaterali fil-qafas tal-BTWC u biex tippermettilhom jinvolvu ruħhom ma' diplomatiċi u esperti. Ser issir enfasi partikolari fuq l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni ta' nisa zgħażaġh min-Nofsinhar Globali, għalhekk, wieħed mit-tliet programmi ta' fellowship ser ikun miftuħ biss għal xjenzati nisa.

L-attività ser tibni fuq inizjattivi ta' suċċess bħall-"Youth for Disarmament" tal-UNODA, tespandi fuq il-ħidma tagħhom u tiżgura l-kontinwità tal-isforzi li diġà saru.

#### 4.3.3 Riżultati mistennija tal-Attività:

1. Parteċipazzjoni akbar taż-zgħażaġh min-Nofsinhar Globali, inkluż in-nisa zgħażaġh, fil-proċess tal-BTWC, b'mod partikolari f' laqgħat u avvenimenti relatati mal-bijosigurtà u l-istabbiliment ta' network b'saħħtu ta' xjenzati zgħażaġh min-Nofsinhar Globali.

### **Attività 4 - Appoġġ għall-programm inter-sessjonali tal-BTWC**

#### 4.4.1. Għan tal-Attività

Il-Programm ta' Sponsorizzazzjoni tal-BTWC jappoġġa lill-Istati li qed jiżviluppaw biex jibagħtu r-rappreżentanti tagħhom għal-laqgħat uffiċjali tal-BTWC f' Ġinevra. Dawn il-laqgħat jinkludu l-Konferenza ta' Reviżjoni, li ssir kull ħames snin, kif ukoll Laqgħat li jseħħu fil-perjodu intersessjonali bejn il-Konferenzi ta' Reviżjoni. Il-Programm ta' Sponsorizzazzjoni ġie stabbilit mis-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni (2011) u sussegwentement ġie imġedded mit-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni (2016) u l-aktar reċenti mid-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni (2022). Il-Programm ta' Sponsorizzazzjoni huwa ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Partijiet.

#### 4.4.2. Deskrizzjoni tal-Attività

Din l-attività ser tappoġġa l-programm ta' sponsorizzazzjoni li permezz tiegħu esperti minn pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħat intersessjonali tal-BTWC f'Ġinevra. Il-programm ta' sponsorizzazzjoni ser jintuża wkoll biex uffiċjali minn Stati li għadhom mhumiex parti għall-Konvenzjoni jattendu l-laqgħat tal-BTWC f'Ġinevra sabiex ikunu jistgħu jiffamiljarizzaw ruħhom mal-laqgħat uffiċjali tal-BTWC.

#### 4.4.3. Riżultati mistennija tal-Attività

1. Jintlaħaq fehim komuni fil-livelli reġjonali/subreġjonali tal-oġġettivi tal-programm intersessjonali tal-BTWC mill-2024 sal-2026 u jissaħħaħ il-livell ta' tħejjijiet tal-Istati Partijiet biex jipparteċipaw fl-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni fl-2027;
2. Esperti mill-Istati Partijiet tal-BTWC li qed jiżviluppaw jiksbu fehim imsaħħaħ tal-programm intersessjonali tal-BTWC u l-Konferenzi ta' Reviżjoni tiegħu permezz tal-parteteċipazzjoni sponsorjata tagħhom f'dawn is-sessjonijiet.

### **Attività 5 - It-tħaddim ta' għodod li jservu għas-sensibilazzjoni, l-edukazzjoni u l-involvement**

#### 4.5.1 Għan tal-Attività

L-għan tal-attività ser ikun li jiġu prodotti għodod, materjali u approċċi konkreti u prattiċi edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni li jippermettu u jappoġġaw l-attivitajiet deskritti fl-attivitajiet ta' hawn fuq u li jtejbju l-viżibbiltà ġenerali tal-BTWC. L-attivitajiet kollha ser jitwettqu f'konformità mal-Istrateġija għall-Edukazzjoni dwar id-Diżarm tal-UNODA u jibnu fuqha.

#### 4.5.2. Deskrizzjoni tal-Attività

B'mod konkret qed jiġi propost li jiġi prodott kurrikulu tal-kors fis-sitt lingwi uffiċjali tan-NU għall-istudenti fix-xjenzi tal-ħajja biex titqajjem kuxjenza dwar il-ħolqien, l-evoluzzjoni u s-sinifikat kontinwu tal-BTWC fiż-żamma tal-paċi u s-sigurtà. Suġġetti ta' interess partikolari għall-istudenti, bħar-riċerka b'użu doppju ta' tħassib u l-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija ta' rilevanza għall-Konvenzjoni ser jingħataw attenzjoni partikolari.

Fl-okkazzjoni tal-50 anniversarju mid-dħul fis-seħħ tal-BTWC fl-2025, huwa propost li jiġi organizzat avveniment ta' ċelebrazzjoni ta' nofstanhar fil-bini tan-NU f'Ġinevra. Qed jiġi propost ukoll li tiġi ffinanzjata l-produzzjoni ta' pubblikazzjoni li tfakkar il-50 anniversarju, li titnieda fl-avveniment ta' ċelebrazzjoni.

Sabiex tintlaħaq udjenza usa' u jiġu ffaċilitati l-isforzi bħall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni msaħħa tal-Konvenzjoni, huwa propost ukoll li s-sit web tal-BTWC jiġi tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tan-NU, peress li bħalissa huwa disponibbli biss bl-Ingliż.

#### 4.5.3 Riżultati mistennija tal-Attività

1. Tinkiseb implimentazzjoni effettiva tal-attivitajiet imsemmija hawn fuq u l-impatt tagħhom jikber bl-appoġġ tal-għodod abilitanti.

## 5. PERSUNAL

L-implimentazzjoni ta' dan il-proġett ser teħtieġ preżenza kontinwa ta' persunal f'Ġinevra biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni simplifikata tal-attivitajiet li ilhom għaddejjin mid-Deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti 'l hawn. Bħalissa, il-persunal ddedikat għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ibbażat f'Ġinevra jinkludi membri tal-persunal fil-livelli P3 u G6, b'fondi għal membru tal-persunal fil-livell P2 ipprovduti minn Stat Membru tal-UE sa Ottubru 2023.

Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet proposti kif deskritt hawn fuq u biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni ta' kwalità għolja u s-sostenibbiltà tal-isforzi u l-interkonnessjonijiet possibbli mal-proċedimenti tal-Grupp ta' Ħidma, huwa propost li tiżdied pożizzjoni fil-grad P2 u li jinżammu l-pożizzjonijiet li diġà kienu ffinanzjati fil-grad P3 u G6. Il-pożizzjoni fil-grad P2 ser tkun speċifikament għall-implimentazzjoni tal-Attività 3 - Inizjattiva "Żgħażaġħ għall-Bijosigurtà" kif ukoll biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Attivitajiet 1, 2 u 5.

## 6. RAPPURTAR

Il-UNODA/ISU tal-BWTC ser tippreżenta rapporti ta' progress annwali lir-RGħ dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti.

## 7. TUL TA' ŻMIEN

L-implimentazzjoni tal-proġetti hija stmata li ddum 36 xahar b'kollox.

## 8. VIŻIBBILTÀ TAL-UE

Il-UNODA/ISU tal-BTWC ser tieġu l-miżuri kollha xierqa biex tirreklama l-fatt li l-attivitajiet li saru jkunu ġew iffinanzjati mill-UE. Tali miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-Manwali tal-Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-UE stabbiliti u ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-UNODA/ISU tal-BTWC ser tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-UE permezz ta' mmarrar u pubbliċità xierqa, li jenfasizzaw ir-rwol tal-UE, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza tal-azzjonijiet tagħha, u jżidu l-għarfien dwar ir-raġunijiet għal din id-Deċiżjoni kif ukoll għarfien tal-appoġġ tal-UE għal din id-Deċiżjoni u r-risultati ta' dak l-appoġġ. Il-materjal prodott mill-proġetti ser juri l-bandiera tal-UE f'konformità mal-linji gwida tal-UE għall-użu u r-riproduzzjoni preċiżi tal-bandiera.

## 9. BENEFIĊJARJI

Il-benefiċjarji tal-Proġett Nru 1 ser ikunu Stati mhux Parti għall-BTWC (kemm Stati firmatarji kif ukoll Stati mhux firmatarji) għal attivitajiet ta' universalizzazzjoni, inkluż is-settur privat, l-akkademja u l-NGOs, kif xieraq.

Il-benefiċjarji tal-Proġett Nru 2, fir-rigward ta' attivitajiet ta' żvilupp ta' kapaċitajiet, huma Stati Parti għall-BTWC, b'attenzjoni partikolari għal Stati li nġhaqdu reċentement mal-Konvenzjoni.

Il-benefiċjarji tal-Proġett Nru 3 ser ikunu żgħażaġħ li jfasslu l-politika, xjentisti żgħażaġħ u akkademiċi żgħażaġħ mill-Istati Parti għall-BTWC fin-Nofsinhar Globali involuti foqsma xjentifiċi u akkademiċi marbutin mal-BTWC.

Il-benefiċjarji tal-Proġett Nru 4 ser ikunu uffiċjali minn Stati Parti, partikolarment dawk li jaħdmu fuq kwistjonijiet tal-BTWC, bħal dawk magħżulin bħala Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u esperti nazzjonali oħrajn identifikati mill-Istati Parti nfushom.

Il-benefiċjarji tal-Proġett Nru 5 ser ikunu dawk li jipproduċu l-materjali rilevanti kif ukoll dawk li jagħmlu użu minnhom, pereżempju studenti u għalliema, uffiċjali tal-industrija u NGOs.

---